MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 29/2011

**Joseph Difesa**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kevin Morris, Elizabeth Morris, Edmond Tabone, Gennaro Filletti, Esther Filletti, Alex Ellul, Amante Ellul, Maria Ellul, Denis Zammit Cutajar, Roberta Zammit Cutajar, Kerstein Gabarretta, Roberta Gabarretta, Simon Mamo, Mireille Mamo, Mario Duca, Miriam Duca, Maria Borg Cardona, Anthony Bartolo, Catherine Cole, Andrew Sullivan, Francis Spiteri Paris, Adriana Spiteri Paris, Joseph Satariano, Kevin Decesare, Joe Schembri, Anita Schembri tad-19 ta' Lulju 2011 mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-30 ta'

Gunju 2011 fejn il-Bord laqa' l-appell ta' Joseph Difesa, l-applikant ghal hrug tal-permess PA 6914/97;

Rat ir-risposta ta' Jospeh Difesa tat-3 ta' Awwissu 2011 li ssottometta li whud mill-appellanti ma ghandhomx locus standi ghax mhux registered objectors u l-appell ma jinkwadrax ruhu that punt ta' ligi li minnu jista' jsir appell;

Rat ir-risposta ulterjuri ta' Joseph Difesa verbalizzata fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2013 fejn gie eccepit li l-appell sar fuori termine;

Rat ir-risposta tal-Awtorita tat-8 ta' Awwissu 2011 fejn issottomettiet li l-appell incidentali hu inammissibli ghax l-Awtorita ma ntavolatx appell fit-terminu moghti mill-ligi tal-ippjanar u ghar-ragunijiet l-ohra mressqa fir-risposta ghall-appell principali;

L-appellanti pprezentaw risposta ghall-appell incidentali tal-Awtorita fis-26 ta' Awwissu 2011 fejn qablu lid an l-appell ghandu jigi milqugh u d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar revokata;

Rat l-atti kollha u semghet id-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tal-Bord li tghid hekk:
Ikkunsidra:

Illi l-proposta hija ghal change of use ta' villa ezistenti f'reception hall.

Illi l-applikazzjoni kienet giet rifjutata mill-Awtorita' ghas-segwenti ragunijiet:

"1. The proposed development is unacceptable in a residential area as it would have a deleterious impact on the amenity of the area and of existing adjoining uses in view of additional traffic generation and operating times. It therefore constitutes bad neighbour development and so conflicts with Structure Plan policy BEN 1 which seeks to protect the amenity of existing uses.

2. The proposal goes against the zoning conditions indicated in the Temporary Provisions Scheme which designates the area for bungalows. The proposal is therefore infringing Structure Plan policies SET8 and BEN4.

3. The proposal runs counter to Structure Plan policy TRA 4 and the car parking standards set out in Table A2.5 in the Structure Plan Explanatory Memorandum in that it fails to provide the required car parking spaces. It will give rise to unacceptable additional on-street car parking which would not be in the interests of the amenity of the area and which would exacerbate existing problems of congestion, potential highway danger and vehicular and pedestrian conflict.";

Dan il-Bord, fid-decizjoni tieghu tat-23 ta' Mejju 2003 kien esprima ruhu hekk:

" Ra s-site plans u r-ritratti ta' weddings halls ohra u cioe' Torre Paulina fil-Madliena (PA 4816/90), Villa Mdina fin-Naxxar, Castello dei Baroni fil-Wardija (PA 7265/96 u 7075/97), Villa Oriana fil-Buskett (PA 2460/93), Villa Maria fir-Rabat, Malta, il-Moulin D'Or f'Hal-Lija (PA 618/91), Villa Arrigo fin-Naxxar (PA 1380/90), Franxaver Hall f'Hal-Qormi (PAPB 385/86), bini kummercjali fil-Kappara (PA 2271/94), St. Martin's College (PB 4190/88 u PA 423/94), Guardian & Elmo Insurance Offices f'Ta' Xbiex u Villa Promotorio fil-Wardija (PA 485/96);

Ra l-policies BEN 1 u TRA 4 tal-Pjan ta' Struttura kif ukoll Table A2.5 tal-Explanatory Memorandum u t-Temporary Provisions Scheme relattiva;

Dwar ir-raguni ta' rifjut li tikkoncerna l-parking, fid-DPAR red 40 fil-PA file 6914/97 jinghad li l-parking requirements huma ta' 90 karozza ghal lower and upper floor excluding pool area of 900 sq m., 50 car parking spaces huma rikjesti ghal naha ta' isfel filwaqt li 40 car parking spaces huma rikjesti ghal fuq. Izda stante li l-parti ta' fuq giet irtirata mill-proposta, l-appellant jirrekjedi 50 car parking spaces. Skond l-istess DPAR red 40 fil-PA file 6914/97

jirrizulta li l-appellant ghandu 60 car parking spaces, jigifieri 10 aktar minn dawk rikjesti. Dan apparti l-fatt li l-villa ghandha ghalqa faccata taghha u eghlieqi ohra fuq naha wahda taghha fejn jistghu jigu akkommodati hafna karozzi ohra ghall-fini ta' parking. B'hekk, it-tielet raguni ta' rifjut, in vista tar-riduzzjoni tal-proposta, mhix applikabbli aktar ghal din l-applikazzjoni u ghalhekk dan il-Bord qed ihassarha;

Dwar l-ewwel raguni ta' rifjut, din tista' tigi facilment sodisfatta b'impozizzjoni ta' numru ta' kundizzjonijiet fosthom illi s-sala ta' tigijiet tigi attrezzata b'materjal ghal sound proofing taht supervizjoni ta' engineer kwalifikat; li meta s-sala tintuza ma jkunx hemm access ghall-open spaces bhalma huma l-iswimming pool billi dan jinghalaq meta s-sala tkun qed tintuza. Ghalhekk dan il-Bord qed ihassar ukoll din ir-raguni tar-rifjut;

Dwar it-tieni raguni tar-rifjut, dik li tikkoncerna z-zoning, irid jigi nnotat l-paragrafu 15.3 tal-Policy and Design Guidance 2000 li jipprovdi kif gej:-

"Commercial Development in Villa/Bungalow Areas
15.3 The Construction of, or change of use to, commercial development will not normally be permitted within those areas zoned in the Temporary Provisions Schemes or Local Plans for detached or semi-detached residential development.
Areas designated for the development of detached or semi-detached villas and bungalows have a distinctive residential character. This stems both from the form, scale and density of the development, with relative spaciousness, and from the nature of the development. Commercial development often involves a greater intensity of activity (pedestrian or vehicular movements) and a specific physical form, which would be at odds with the predominant residential character of these areas. Such development is likely to detract from, and change, the character of these areas, negatively affecting amenity. For these reasons, commercial development will generally be discouraged in villa/bungalow areas.";

Dwar il-paragrafu 15.3 tal-Policy & Design Guidance 2000 jigi relevat illi dan il-paragrafu ma jaghmel l-ebda referenza diretta ghal wedding halls izda minflok jitkellem b'mod aktar generali dwar zvilupp kummercjali minghajr ma jkun specifiku. Mill-banda l-ohra l-esperjenza wriret illi mill-permessi citati mill-appellant jirrizulta ben car lil dan il-Bord illi nhargu numru ta' permessi ghal wedding halls li huma sitwati f'zona simili ghal dik odjerna. B'hekk, dan il-Bord ma jarax ghalfejn huwa ghandu jiddipartixxi mill-precedenti ormai ga' stabbiliti fejn jidhlu permessi ghal wedding halls u dan tenut kont tal-fatt li l-policy in kwistjoni ma tirreferixxix ghall-wedding halls b'mod partikolari imma ghal zvilupp kummercjali b'mod generali. Mill-banda l-ohra, il-Bord huwa tal-fehma wkoll illi jehtieg li jkun hemm planning policy dwar wedding halls ad hoc li tindirizza din it-tip ta' zvilupp fih innifsu u mhux bhala zvilupp kummercjali in kwantu tali zvilupp huwa differenti minn zvilupp kummercjali iehor u l-issues ta' ppjanar involuti huma diversi minn dawk li jikkoncernaw zvilupp kummercjali iehor. Ghalhekk, ben konxju mill-htiega li dan it-tip ta' zvilupp jigi ndirizzat, il-Bord qed jirrakomanda lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex tiehu l-opportunita' li thejji planning policy dwar wedding halls;

Fin-nuqqas ta' tali policy, il-Bord huwa tal-fehma li f'cirkostanzi bhal dawn ghandhom jigu mposti l-kundizzjonijiet li gejjin:-

a. is-sala in kwistjoni ghandha tigi attrezzata b'materjal ghal sound proofing u dan ix-xoghol irid isir taht is-supervizjoni ta' inginier kwalifikat li ghandu jiccertifika taht il-firma tieghu li l-hoss ma johrogx minn gos-sala meta din tkun qed tintuza;
b. meta tintuza s-sala hija trid tinzamm maghluqa;
c. meta tintuza s-sala ma ghandux ikun hemm access ghall-postijiet ohra barra mis-sala bhalma huma s-swimming pool jew open spaces ohra jew il-parti ta' fuq is-sala;
d. is-sala in kwistjoni ghandha tigi attrezzata b'sistema ta' fire safety u din is-sistema wara li tigi nstallata ghandha tigi certifikata minn inginier kwalifikat li ghandu jiccertifika

taht il-firma tieghu li x-xoghol ikun sar skond l-arti u s-sengha in kwistjoni;
e. id-daqq tal-muzika jrid jieqaf mhux aktar tard mill-11.30 p.m.;
f. is-sala ma ghandhiex tintuza wara s-siegha ta' fil-ghodu;
g. il-livell tal-hoss m'ghandux ikun tali li jiddisturba lill-girien;
h. il-parking ghandu jintuza mill-mistiedna li jattendu ghall-attivitajiet li jsiru fiha;

Ghal dawn il-motivi, u tenut kont tal-precedenti li jezistu fl-ghoti ta' permessi ta' swali ta' tigijiet f'cirkostanzi simili ghall-applikazzjoni odjerna kif citati f'din id-decizjoni, il-Bord qed jilqa' l-appell ihassar ir-rifjut tal-permess u qed jordna li jinhareg il-permess relattiv suggett ghall-kundizzjonijiet standard u ghall-kundizzjonijiet (a) sa (h) hawn fuq imsemmija fi zmien xahar minn meta l-appellant jipprezenta c-certifikati msemmija fil-paragrafi (a) u (d) tal-lista tal-kundizzjonijiet f'din id-decizjoni. Il-pjanti li qed jigu approvati huma 1A, 1C, 1E, 1F u 1G.";

Illi fid-decizjoni taghha, il-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Mejju 2004, annullat d-decizjoni hemmhekk appellata fuq zewg binarji – ossia li ma gietx trattata u deciza gustament l-eccezzjoni tar-res judikata u illi l-Bord ta' l-Appell agixxa ultra vires u mar oltre l-kompetenza tieghu meta impona kundizzjonijiet li vjarja l-funzjoni ta' l-Awtorita' meta mpona kundizzjonijiet godda.

Dwar l-ewwel kwistjoni, dan huwa ghall-Bord odjern kapitolu maghluq bid-decizjoni tieghu tal-25 ta' Lulju 2006.

Evidentement illi l-Qorti ta' l-Appell ma riditx ghalhekk illi dan il-Bord, kif ghamel bid-decizjoni tieghu tat-23 ta' Mejju 2003, jakkorda l-permess soggett ghal numru ta' kondizzjonijiet hemmhekk elenkati (a) sa (h). Dan il-Bord jaghmel tieghu l-konsiderazzjonijiet l-ohra kollha maghmula f'dik id-decizjoni 1 (salv ghal dak li jinghad hawn aktar l-isfel) u jiskarta appuntu dik il-parti tad-decizjoni li l-Qorti ta' l-Appell sabet opposizzjoni ghaliha, ormai l-imposizzjoni tal-kundizzjonijiet (a) sa (h).

Sal-lum jidher, u dan minkejja anke l-imbekkata u l-appell ta' dan il-Bord diversament kompost, illi l-MEPA ma hejjiet ebda planning policy dwar wedding hall. F'dan il-kuntest s-site plans u r-ritratti ta' diversi wedding halls ohra, fosthom Villa Mdina, Naxxar, Torre Paulina fil-Madliena, Castello dei Baroni fil-Wardija u ohrajn gia ndikati fid-decizjoni ta' dan il-Bord annullata, kif gia inghad qabel, dan il-Bord qed jaghmel tieghu l-konsiderazzjonijiet maghmula fid-decizjoni tieghu tat-23 ta' Mejju 2003, bil-konsegwenza illi dan wasal sabiex dan l-appell jigi milqugh.

Dan maghdud pero, isiru s-segwenti osservazzjonijiet:

a) dwar l-ewwel raguni ta' rifjut, u sa fejn dan il-Bord kien, fis-sentenza annullata tieghu mpona numru ta' kundizzjonijiet li propju minhabba f'hekk gie dikjarat illi s-sentenza kienet nulla ghax il-Bord agixxa ultra vires – dan il-Bord sejjer, jilqa' l-appell minn din ir-raguni ta' rifjut ghar-ragunijiet fuq msemmija u jissolecita' illi fil-hrug tal-permess, l-Awtorita' ghandha timponi dawk il-kundizzjonijiet soliti u kif ukoll dawk kollha li jidhrilha xierqa u opportuni ghac-cirkostanzi tal-kaz in ezami, b'dan pero' illi l-Awtorita' hija ben mhegga tiehu kont u konjizzjoni (minghajr hawnhekk ma jigu mposti) ta' kundizzjonijiet (a) sa (h) kif mnizzel fis-sentenza ta' dan il-Bord tat-23 ta' Mejju 2003, liema sentenza giet annullata u issa superseded b'din odjerna.

b) Dwar paragrafu 15.3 tal-Policy and Design Guidance, dan il-Bord jinnota t-tibdil li sar f'dan il-paragrafu mill-Policy & Design Guidance 2000 ghal dak 2007.

Rikonoxxut illi dawn huma “guidance’’, dan il-Bord ihoss illi, jibqa' vigenti u jibqa' jaghmel sens l-argument illi anke fil-verzjoni 2007, tibqa' ma ssir ebda referenza diretta ghal wedding halls. Di fatti titkellem b'mod generiku hafna fuq zvilupp kummercjali minghajr ma tkun specifika.

Evidenti li huma hafna f'Malta u Ghawdex dawk il-wedding halls licenzjati u bil-permess f'zoni simili ghal dik de quo. Il-Bord ghalhekk ma jarax ghaliex ghandu jiddipartixxi mill-

precedenti ormai gia stabbiliti fejn jidhlu permessi ta' wedding halls.

F'certu sens, laxka kemm tista' tidher laxka din l-interpretazzjoni, l-MEPA ghandha tirrealizza illi ghal snin shah raqdet fuq thejjija u implimentazzjoni ta' planning policy dwar wedding halls - nuqqas dan ta' l-Awtorita' li tahti ghalih hi u hi biss.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk u fuq kollox in linea anke mad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, dan il-Bord huwa propens illi jhassar ir-rifjut u jakkorda t-talba maghmula.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi dan il-Bord qed jilqa' l-Appell, ihassar d-decizjoni appellata u jordna illi l-Awtorita' tohrog permess ghal "change of use to a hall or receptions and public functions and additional parking" fuq is-sit Villa Difesa, Triq San Gwann, Bahar ic-Caghaq, u dan taht dawk il-kundizzjonijiet soliti u kwalsiasi kundizzjoni ohra li jista' jidrilha xieraq u opportun, fid-dawl ta' dak anke hawn fuq deciz.

**Ikkunsidrat**

**Inamissibilita ta' appell**

Il-Qoti ser tillimita ruhha l-ewwel ghall-inaminssibilita o meno tal-appell principali billi qed jigi sottomoss mill-appellat Joseph Difesa illi l-appell sar barra minn zmienu.

Dak li wasal ghal din il-kwistjoni specifika hu l-iter tal-emendi li saru fil-ligi tal-Ambjent u l-Ippjanar, kif kienet fil-Kapitolu 356 u kif sar fil-Kapitolu 504.

L-Att tal-2010 dahhal fis-sehh il-Kapitolu 504 u t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar flok il-Bord tal-Appell u l-Ippjanar u bl-Avviz Legali 511 tal-2010 dahlu fi-sehh certi provvedimenti tal-imsemmi Kapitolu fosthom l-artikolu 41 tal-Kap. 504 li dahal fis-sehh fil-31 ta' Dicembru 2010.

Mehud wahdu, dan il-fatt seta' fisser li t-terminu tal-appell minn decizjonijiet tal-Bord tal-Appell ghal quddiem il-Qorti tal-Appell hu ta' ghoxrin jum u s-sentenza mertu ta' dan ir-rikors ta' appell kienet tkun wahda valida qua validata tal-prezentata tieghu fit-terminu quddiem din il-Qorti.

Pero bl-Avviz Legali 512 tal-2010, mhux l-artikoli kollha tal-Kap. 356 gew abrogati tant illi l-artikolu 15 cioe t-terminu tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Inferjuri minn decizjonijiet tal-Bord tal-Appelli cioe t-terminu ta' 15-il jum mid-decizjoni, baqa' mhux mittiefes, u hekk ghadu sallum.

Prima facie dan ifisser illi l-ligi naqset milli ticcara l-pozizzjoni legali tat-termini ta' appell liema termini huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux ghalhekk jigu injorati u jaghtu lok ghal kwalsiasi interpretazzjoni legali fis-sens li ma ghadhomx fis-sehh. Il-Qorti ssibha ferm difficli li fic-cirkostanzi meta gew specifikati f'zewg avvizi legali, wiehed wara l-iehor kronologikament, li jittrattaw id-dhul fis-sehh ta' artikoli specifici tal-Kap. 504 u l-abrogazzjoni ta' artikoli specifici tal-Kap. 356, il-legislatur kellu lapsus rigward it-terminu ta' appell, cioe wiehed mill-aktar elementi importanti fl-iter processwali ta' applikazzjonijiet ta' ippjanar.

L-appellant jista' jargomenta illi bid-dhul fis-sehh tal-artikolu 97(5) tal-Kap. 504 fit-30 ta' Novembru 2010 il-kwistjoni kienet cara billi l-funzjonijiet, atti, jeddijiet, passiv u obbligazzjonijiet li kellu l-Bord tal-Appell ghadda f'idejn it-Tribunal tal-Appell u kwindi ghalhekk l-proceduri tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell kellhom jigu regolati skond dak li jipprovdi l-Kapitolu 504.

Din il-Qorti ma taqbilx ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok dan l-artikolu jitkellem biss dwar il-funzjonijiet tat-Tribunal u mhux dak li jigri wara d-decizjonijiet tat-Tribunal, cioe proceduri li t-Tribunal ma ghandu ebda kontroll jew drittijiet fuqhom jew dwarhom.

Fit-tieni lok l-Avviz Legali 27 tal-2011 irrendiet il-pozizzjoni bejn decizjonijiet tal-Bord tal-Appell u t-Tribunal ta' Revizjoni wahda cara. Dan l-Avviz Legali ghamel

distinzjoni netta bejn decizjonijet li kellhom jinghataw mill-Bord tal-Appell hekk kif kien kostitwit bil-Kapitolu 356 u dak mit-Tribunal ta-Revizjoni kostitwit bil-Kapitolu 504. Dan l-Avviz Legali halla lil partijiet kollha involuti fil-vertenzi minghajr dubbju dwar il-pozizzjoni legali vis-à-vis l-applikazzjoni tal-Kapitoli 356 u 504 fl-artikoli applikabbli ghalihom. Dan l-Avviz Legali ghamilha cara illi l-Bord tal-Appell li kien gie sostitwit mit-Tribunal ta’ Revizjoni fil-Kap. 504 ma spiccax kompletament bl-introduzzjoni tar-regim il-gdid tat-Tribunal ta’ Revizjoni. Dawk il-pendenzi kollha quddiem il-Bord tal-Appell differiti ghas-sentenza qabel il-31 ta’ Dicembru 2010 kellhom jinghataw mill-istess Bord kif kien kostitwit skond artikoli 2(1) tal-Avviz Legali 27 tal-2011. Ghalhekk dawn id-decizjonijiet ma kienux qed jinghataw mit-Tribunal ta’ Revizjoni izda mill-Bord tal-Appell taht ir-regim tal-Kap. 356 u hawn ghalhekk tispjega ruhha z-zamma fis-sehh tal-artikolu 15 tal-Kap. 356 ghaliex huma d-decizjonijiet mill-Bord tal-Appelli li ghandhom terminu ta’ appell kif impost bl-artikolu 15. It-Tribunal ta’ Revizjoni gie mghobbi biex jisma’ u jiddeciedi l-appelli l-ohra hekk kif elenkati specifikament bl-artikoli 2(2) tal-Avviz Legali 27 tal-2011, u ghal liema japplikaw it-termini ta’ appell specifikat fl-artikolu 41(6) tal-Kap. 504.

Dan jidher li kien il-hsieb tal-legislatur u mhux il-kompitu ta’ din il-Qorti li tidhol fi kwistjonijiet ohra li anki jekk validi minn aspetti legali diversi ma jaqghux fil-gurisdizzjoni taghha f’din is-sede.

Hu car li l-vertenza in kwistjoni kienet ghas-sentenza quddiem il-Bord tal-Appell sa mit-13 ta’ Marzu 2009 skond l-inkartament tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u fil-fatt id-decizjoni ittiehdet mill-istess Bord skond it-termini tal-Avviz Legali 27 tal-2011. Kwindi kien japplika ghal dik id-decizjoni t-terminu tal-appell skond l-artikolu 15 tal-Kap. 356 li kienet tkopri l-appelli mis-sentenzi tal-Bord, artikolu li kien u ghadu in vigore sallum.

Jidher mill-atti illi l-appell sar fit-19 ta’ Lulju 2011 wara d-decizjoni tal-Bord tal-Appel dwar l-Ippjanar tat-30 ta’ Gunju 2011 u kwindi dsatax-il jum wara li nghatat id-

decizjoni u kwindi fuori termine dak li jrid l-artikolu 15 tal-Kap. 356.

Ghal dawn ir-ragunijiet jidher illi l-appell gie pprezentat fuori termine u kwindi hu inammissibli u konsegwentement bla ebda effett.

**Appell incidentali**

La darba l-appell principali hu inamissibbli rrid jigi deciz jekk l-appell incidentali tal-Awtorita ghandux hajja u forza indipendenti mill-appell principali u jistax jibqa' in vigore.

Din il-kwistjoni giet trattata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Emanuel Attard Portughes et**, App Civ 05/10/1998 fejn tqajjmet is-sottomissjoni illi l-appell incidentali hu salvat bl-artikolu 241 tal-Kap. 12 ghax ghandu hajja u iter indipendenti minn dak principali. Il-Qorti qalet hekk:
Dan l-artikolu jipprovi illi d-dikjarazzjoni ta' l-appellat li hu kien bi hsiebu jinqeda bl-appell principali biex javanza appell incidentali tieghu "tibqa' ssehh ghalkemm il-parti kuntrarja ma tissoktar bl-appell taghha". Sitwazzjoni din li hi differenti minn dik fejn l-appel principali ikun affett minn xi vizzju procedurali gravi li jirrendih null. "Ghal dak li jirrigward l-appell incidentali ta' l-attrici, kif jinsab assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti, la darba l-appell principali huwa null jaqa' wkoll l-appell incidentali 'li ha l-mossi minn dak l-appell principali u li qieghed jippresupponi l-esistenza ta' dak l-appell principali mentri dan qatt ma ezista skond il-ligi'." (**Borg utinque** – 19 ta' Gunju, 1994, VolXXXII.i.66) (VolLXXI.ii.312). Fejn l-appell principali hu ddikjarat null allura jigi bla bazi wkoll l-appell incidentali li jiddependi minnu tant li l-ligi tghati d-dritt lill-appellat li juzufruwixxi u jinqeda b'appell li jkun sar minn sentenza. Appell jehtieg li jkun validament intavolat ghaliex altrimenti japplika l-principju quod nullum est producit effectum.

Il-Qorti ghamlet distinzjoni bejn din it-tip ta' nullita ma' appell li jmur dezert. Hi qalet hekk:
F'dan il-kaz l-appell principali hu kjarament validu u ma kien affett minn ebda difett procedurali gravi li jirrendih null fil-mument meta gie prezentat. Id-dezerzjoni timplika r-rinunzja da parti tal-appellant li jkompli bil-procedura ta' l-appell u l-ligi gustament tqis li tali rinunzja ma kellhiex u ma ghandhiex taffettwa d-drittijiet tal-parti li tappella incidentalment u li bi dritt ghazlet li tuzufruwixxi minn dak l-appell principali validament promoss mill-appellant.

Hu risaput li d-dezerzjoni tal-kawza ggib l-istess effetti ta' rinunzja ghat-talbiet (artikolu 907 (1) tal-Kap 12).

Ghalhekk hu car f'dan il-kaz illi l-appell incidentali ma ghandux hajja separata u distinta mill-appell principali jekk dan tal-ahhar hu null u ghalhekk bla ebda effett ab initio. Dawn huma precizament ic-cirkostanzi fattwali f'dan il-kaz u ghalhekk l-appell incidentali hu wkoll bla ebda effett meta l-appell principali li minnu l-istess appell ha l-forza kostituttiva tieghu hu null ab initio. Il-Qorti qed tillimita ruhha ghal kwezit migjub quddiemha minghajr ma b'daqshekk qed taghti xi lok ghal prezunzjoni jekk f'appelli mill-Bord tal-Appell jew Tribunal ta' Revizjoni hux ammissibbli l-appell incidentali jekk ikun skada t-terminu tal-appell a bazi tal-Kap. 356 jew 504 skond il-ligi.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li l-appell principali sar fuori termine u konsegwentement hu inamissibbli u null u ghal din ir-raguni l-appell incidentali hu wkoll inammissibbli u kwindi null ghax ma jistax ikollu hajja indipendenti minn appell principali li gie dikjarat null.

L-ispejjez jithallsu nofs mill-appellanti u nofs mill-Awtorita.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------